**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Carmelo Micallef**

**(KI 618359M)**

**Vs**

**Barchash Alfrah**

**(MT5694877)**

**Rikors Guramentat Numru: 93/16**

Illum 2 ta' Dicembru 2016

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrent li jaqra hekk:

1. Illi permezz ta' ftehim datat it-tnejn (2) ta' Lulju 2015 (Dokument A) l-intimat ha b'kiri minghand ir-rikorrenti l-fond bin-numru 13, fi Triq Nerik Sacco, il-Marsa flimkien mal-garaxx numru 15 fl-istess Triq fil-Marsa bil-kera u bil-kundizzjonijiet l-ohrajn li jirrizultaw skont il-ftehim riferenzjat.

2. Illi l-kiri hawn fuq imsemmi intemm fid-9 ta' Settembru tas-sena korrenti, izda l-intimat kompla jokkupa l-propjeta' mikrija lilu bla ebda jedd.

3. Illi l-intimat ghandu jhallas l-ammont ta' elf u erba' mitt euro (€1,400.00) in linea ta' erba' skadenzi ita' kera.

4. Illi kif inghad l-intimat kompla jokkupa l-proprjeta’ gja’ mikrija lilu bla ebda jedd.

   Illi l-intimat m’ghandux difiza x’jaghti ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jintalab illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet suesposti:

   I. Jisma’ u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

   II. Prevja d-dikjarazzjoni tat-tmiem tal-kiri kkontrattat kif spjegat fit-2 ta’ Lulju, 2015, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tal-proprjeta’ hawn fuq imsemmija, u ghal dan il-ghan jipprefiggi terminu qasir u perentorju illi fih l-intimat ghandu jizgombra mil-fond;

   III. Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ €1,400 in linea ta’ kera dovut minnu ghal erba’ skadenzi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali mibghuta lill-intimat, u bl-imghax legali, kontra l-intimat ngunt in subizzjoni.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi l-intimat ammetta t-talbiet tar-rikorrent.

Il-Bord ghalhekk jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrent u ghal fini ta’ zgumbramnet qieghed jipprefiggi zmien tletin (30) jum millum u inkwantu ghat-tielet talba jordna wkoll lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent l-ammont ta’ €1,400 fi zmien 30 jum ukoll.

Bl-ispjejjez kif mitluba kollha a karigu tal-intimat.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur